# BEATI U QADDISIN...APRIL

## BEATU FRANGISK MINN FABIANO (ANCONA)

## 22 ta' APRIL



Francesco Venimbeni twieled fl-1251 f'Fabriano (Ancona). Missieru Compagno Venimbeni kien tabib. Wara tfulija pjetuza ddedikata ghall-istudju, inghaqad mal-Patrijiet Frangskani Minuri fl-età ta' sittax-il sena, u ddistingwa ruhu kmieni ghall-qdusija u l-kultura.

Fl-ahhar tan-novizzjat mar Assisi biex jikseb l-indulgenza tal-Porziuncola u ltaqa' ma' Fra Leo, li kien segretarju u konfessur ta' San Frangisk . Kif jirrizulta, kien Leone nnifsu li kkonvinca lil Venimbeni jikteb id-difiza ta' l-indulgenza. Fl-1316 u mill-1318 sal-1321 Frangisku kien gwardjan ta' dar gdida f'belt

twelidu; imbaghad ta l-flus minn wirt ghall-bini ta’ l-ewwel librerija Frangiskana.

Huwa kiteb sensiela ta' omeliji, li minnhom ma baqa' xejn, u Kronaka dwar l-avvenimenti u d-dati ewlenin tat-twaqqif tal-ordni f'Fabriano, li sfortunatament ghad fadal biss kopji frammentarji.

Tul hajtu kien attent ghall-htigijiet tal-foqra, morda u emarginati. Huwa kien jiehu hsieb il-kura ta’ dawk fil-bzonn u jsostnihom b’ghajnuna materjali u spiritwali. Kellu zelu kbir ghal l-erwieh u kien jghaddi hafna hin fil-konfessjonarju. It-tunika tieghu kienet raffa u kien isawwat lilu nnifsu bhala penitenza. Devot kbir tal-Passjoni ta’ Kristu, l-misterji tat-tbatija tieghu kienu mezz ta’ kontemplazzjoni ghalih

Kellu devozzjoni qawwija lejn l-erwieh qaddisa u kien predikatur elokwenti u effettiv; ikkonvinca tlieta minn neputijiet tieghu biex jabbandunaw id-dinja biex isiru Patrijiet Minuri bhalu.

Huwa miet madwar l-1322 wara marda twila; Id-devozzjoni lejh bdiet minnufih u l-kult gie approvat fl-1775.